



2024/917

25.3.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/917

tat-22 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/92 fir-rigward ta' ċerti rekwiżiti ta' rapportar għal skart mistad b'mod passiv

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(7), it-tieni subparagrafu, tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-rekwiżiti ta' rapportar għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tal-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġislazzjoni. Madankollu, huwa importanti li daww ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati sabiex jiġi żgurat li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba u biex jiġi limitat il-piż amministrattiv.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/92 ⁽²⁾ jirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw dwar id-*data* b'rabta mal-volum u l-massa ta' skart mistad b'mod passiv kull sena kalendarja.
- (3) F'ċerti Stati Membri, ġew stabbiliti skemi biex jiġi pprovdut finanzjament alternattiv għall-kostijiet tal-ġbir u l-ġestjoni tal-iskart tal-irkaptu tas-sajd jew ta' skart mistad l-art b'mod passiv. Huwa biżżejjed li d-*data* dwar l-iskart mistad b'mod passiv tiġi rrapportata darba f'sentejn sabiex jiġi mmonitorjat jekk dawn l-iskemi humiex effettivi u sabiex jiġi mmonitorjat kif il-bastimenti tas-sajd jikkontribwixxu biex titnaqqas il-kontaminazzjoni tal-iskart tal-ambjent tal-baħar fit-tul. Dak ir-rekwiżit jenħtieġ li jkun issimplifikat, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030" ⁽³⁾. L-Istati Membri jenħtieġ li fil-futur ikunu meħtieġa jipprovdur rapport għal perjodu ta' sentejn kalendarji minflok.
- (4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/92 jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/92 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Mill-1 ta' Jannar 2024, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* u l-informazzjoni għal perjodu ta' sentejn kalendarji. Ir-rapporti għandhom jiġu pprovduti elettronikament fi żmien 12-il xahar minn tmiem it-tieni sena li għaliha jkun nġabru. L-ewwel rapport għandu jiġi sottomess sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026".

⁽¹⁾ ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/92 tal-21 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-metodoloġiji tad-*data* ta' monitoraġġ u l-format għar-rapportar ta' skart mistad b'mod passiv (ĠU L 15, 24.1.2022, p. 16).

⁽³⁾ COM(2023) 168.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Marzu 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
